# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 36 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 13 t'Awwissu 2013 fil- 5.30 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**36/01 Talba**

**36/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-5.45 pm billi ntqalet it-talba.

**35/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru. 35**

**36/02/01** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) iffirmaw il-Minuti.

**36/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 35**

**36/03/01** **Para 35/03/01:- *Tender* ta' Rampa fi Ġnien il-Paċi**: Il-Kunsill ġie nfurmat li *lifter* jisma madwar €7,500. Ġie unanimament deċiż li s-S.E. għandha tikteb lid-Dipartment għall-Gvern Lokali (DGL) biex tinfurmahom li mhux ser issir rampa u titlob l-approvazzjoni tagħhom sabiex il-fondi allokati issa jintużaw sabiex isir dan il-*lifter*. Is-S.E. għandha titlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex jikkonferma jekk hemmx bżonn ta' *Full development Permit* jew *DNO* sabiex jiġi installat *lifter*.

**36/03/02** **Para 35/03/03:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ittra sabiex tinkiseb l-approvazzjoni finali mingħand id-Dipt. tal-Artijiet u d-DGL dwar il-ftehim ta' kera tat-Torri tas-Semaforu kienet inbagħtet.

**36/03/03** **Para 35/03/04:- Ingaġġ ta' Skrivana fi Skala 15**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinj. Janice Bonnici rreżinjat mill-kariga wara 15-il ġurnata. Is-S.E. kitbet lill-ETC sabiex jibgħatu l-lista tal-kandidati li huma rreġistrati fuq Part III.

**36/03/04** **Para 35/03/05:- Ftehim tal-PPP**: Is-S.E. ikkonfermat li l-*Bid Bond* provduta mal-offerta' għadha valida. Is-S.E. infurmat li l-ittra lid-DLG ghad trid tintbagħat.

**36/03/05** **Para 35/03/06:- Tender Nru T-03/13-24:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-engineer ta' M Quip kien spezzjona l-*activity area* fil-parti tan-nofs ta' dan il-ġnien u kien qal li din ma toffrix sigurta' kif suppost. Il-Kunsill unanimament qabel li din l-*activity area* titneħħa u flokha jitpoġġew ż-żewġ *spring riders*. Ir-rappreżentant ta' M. Quip Ltd informa lis-S.E. li x-xogħol se jibda fil-bidu ta' Settembru 2013 u jispiċċa lejn l-aħħar t'Ottubru 2013.

Il-Kunsill unanimament qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Alfred Muscat sabiex issir talba lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr S. Buontempo sabiex ningħataw għajnuna ħalli jinxtara *outdoor gym equipment* għal Ġnien il-Paċi.

**36/03/06** **Para 35/03/07:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is- S.E. infurmat lill-Kunsill li L-Enemalta kienu skonnettjaw l-elettriku mill-fanal sabiex il-Kuntrattur ikun jista' jċaqlaq il-fanal u jirranġa l-*cables*. Skont kif ġie miftiehem mas-sid tad-dar, il-fanal ser jerġa jeħel meta tinkesa l-faċċata.

**36/03/07** **Para 35/03/08:- Ġnien tal-Ponta**: Il-Kunsill innota li x-xogħol fi Ġnien tal-Ponta mixi sew. Is-S.E. infurmat lill-Perit Grech u lill-Perit Cortis sabiex jieħdu ħsieb li joħorgu l-*Progress Report* u l-*Interim Progress Payment Request* kemm jista' jkun malajr.

**36/03/08** **Para 35/03/09:- Festa 2013:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ta' ko-ordinament dwar l-Festa saret u kien hemm preżenti huwa u l-Kunsillier Chris Fenech, s-S.E., l-Kapillan, lis-Spettur Josric Mifsud, s-Surġenti Alan Buhagiar u Joseph Scicluna u r-rappreżentanti tal-Għaqdiet konċernati.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kuntratturi tal-knis u tal-ġbir tal-iskart għandhom joffru servizzi *extra* nhar il-Ħadd tal-Festa fit-8.00am u kif ukoll għat-3.00 pm sabiex jieħdu ħsieb li t-toroq jitnaddfu u jinġabar l-iskart kollhu. Is-Sindku nforma lill-Kunsillier bl-istedien li kienu irċevew mingħand il-Parroċċa' u s-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew.

**36/03/09** **Para 35/03/11**: ***Crash Barrier* eċċ.** Is-S.E. infurmat lill-Kunsill li l-*purchase order* nbgħatet lill-Koptasin għat-twaħħil tal-*crash barrier u chevron signs*.

**36/03/10** **Para 35/03/14**: Il-Vici Sindku informa li mhu ser isir xejn mal-Assoċjazzjoni ta' Muniċipalitajiet Taljani mir-Regjun ta' Campania.

**36/03/11** **Para 35/03/15**: **Pjanijiet Lokali:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-uffiċċjali tal-MEPA dwar ir-reviżżjoni tal-Pjanijiet Lokali saret nhar il-Ġimgħa 2 t'Awissu 2013. Is-Sindku ppreżenti l-punti li kienu approvati mill-Kunsill. L-Uffiċċjali tal-MEPA kienu staqsew lill-Kunsill jekk jaqbilx li fuq iż-żewġ naħat ta' Triq San Bartilmew jingħataw permessi għall-*Class 4 shops*. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li ma għandhomx jingħataw aktar permessi għal *Class 4 shops* man-naħa ta' Triq San Bartilmew fejn hemm l-iskola primarja u dan għaliex tiżdied il-problema tal-ipparkjar ta' vetturi kif ukoll bħala lokalita' żgħira ma hemmx bżonn ta' aktar entitajiet kummerċjali.

**36/03/12** **Para 35/03/16**: **Sit fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki**: Is-S.E nfurmat lill-Kunsill li l-ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet u lill-Kunsill Malti għall-Isport kienet ntbgħatet.

**36/03/13** **Para 35/05/02 –**Is-S.E. infurmat li għandha trid tikteb lis-sid tal-plot fi Triq Fra D. Mifsud.

**36/03/14** **Para 35/07/02:** Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li l-*Pre-Fest* li kien se jiġi organiżżat fis-17 t'Awissu 2013 kien tħassar.

**36/03/15** **Para 35/07/04**: Il-Kunsillier is-Sur Vincent A. Galea nforma lill-Kunsill li huwa bgħat ittra lil Comune di Pachino fi Sqallija u għamel kuntatt magħhom ukoll. Is-S.E. għandha tinforma lis-Sinj Mandy Falzon tal-MEUSAC dwar dan il-kuntatt. Il-Viċi-Sindku, s-Sur Mark Azzopardi u l-Kunsillier Vincent A. Galea ser ikomplu isegwu.

**36/03/16** **Para 35/07/05:** Il-Kunsillier Galea nforma lill-Kunsill li kienu diġa' applikaw 25 persuna għall-Ġita fi Sqallija.

**36/03/17** **Para 35/07/06**: Is-S.E. infurmat li l-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu April – Gunju 2013 kif ukoll il-*Management accounts* ta' Ġunju 2013 ser jigu ippreżentati fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**36/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**36/04/01** Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti li saru mill-*Petty Cash*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**36/05** **Ilmenti u Suggerimenti**

**36/05/01** **Ilment 18113064195789:** Talba biex teħel tabella *cul-de-sac* fi Triq tal-Ferħa u tabella oħra fi Triq Sta Katerina li turi d-direzzjoni lejn iċ-ċentru tar-raħal. Il-Kunsill unanimament qabel li teħel it-tabella *cul-de-sac* imma ma qabilx li teħel tabella fi Triq Sta Katerina kif suġġerit peress li hu ovvju għal min ikun qed isuq liema hi d-direzzjoni lejn iċ-ċentru tar-raħal.

**36/05/02** ***Bring-in-site*****:** Il-Kunsillier Fenech tkellem dwar l-iskart li jintefa madwar il-*Bring-in-site.* Il-Kunsill innota li diġa' ġiet ordnata tabella li tavża li ma għandux jitħalla skart madwar il-*bins* kif ukoll ser teħel *camera* bħala deterrent. Green MT kienet ftehmet mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart li jgħati servizz fir-raħal sabiex jibda inaddaf madwar il-*bins*. Is-S.E. intalbet issegwi t-twaħħil tat-tabella u *camera* imsemmija kif ukoll mal-Wasteserv il-proġess sabiex issir *underground bring-in-site.*

**36/05/03** **Talba lill-Arriva**: Il-Kunsillier Alfred Muscat issuggerixxa li l-Kunsill jitlob sabiex il-karozza tal-linja fuq ir-rotta 225 tibda tidħol il-Għargħur kif ukoll sabiex l-Arriva jibgħatu *inspector* filgħodu ħalli jara li l-iskeda tinżamm. Is-S.E. għandha tikteb lill-Arriva u TM.

**36/05/04** **Triq San Gwann:** Il-Kunsillier Galea issuggerixxa li il-Kunsill jerġa jikteb lit-TM peress li fejn it-Torri tas-Semaforu, fi Triq San Gwann hemm bendjatura li hi perikoluża u għandu jsir xi ħaġa ħalli l-vetturi isuqu bil-mod fuq in-naħa tagħhom. Is-S.E. għandha tirreferi għall-korrispondenza li diġa kienet inbgħatet u terġa tikteb lit-TM.

**36/05/05** **Triq Indipendenza:** Il-Kunsillier Alfred Muscat ġie infurmat minn sid ta' għalqa fi Triq Indipendenza li xi residenti kienu qed iqegħdu l-borża tal-iskart tagħhom fuq il-ħajt tal-għalqa tiegħu. Ġie unanimament deċiż li niktbu lir-residenti u ninfurmawhom sabiex iżommu l-borża tal-iskart ħdejn il-bieb tar-residenza tagħhom.

**36/06** **Korrispondenza**

**36/06/01** Korrispondenza dwar il-korsijiet taħt l-iskema tal-*Life-Long Learning* u t-tqassim tal-*Prospectus*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/02** Korrispondenza mill-MEPA - '*Now valid for 90 days'* u dwar il-Compliance Certificate. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/03** Cirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Maltin (AKLM) 52/2013 rigward is-Suppliment fit-*Times of Malta*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/04** Korrispondenza mill-MEUSAC dwar Djalogu pubbliku – L-Ewropa fejn sejra? Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/05** Korrispondenza mill-AKLM rigward Seminar - *MESHARTILITY & SMILEGOV* li ser issir fil 11 ta' Settembru 2013. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/06** Korrispondenza mill-Kunsill tas-Swieqi fejn dan il-Kunsill qed jissuġġerixxi li parti minn Triq Santa Katarina ssir *one way*. Is-Sindku kien kiteb lill-Kunsill tas-Swieqi u talab aktar informazzjoni. Dan is-suġġeriment ser jiġi ikkunsidrat meta jkollna l-informazzjoni mitluba.

**36/06/07** Memo 19/2013 mid-DGL rigward Każijiet quddiem il-Bord ta Gvernanza Lokali. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/08** Korrispondenza dwar il-*Merchant Accounts* mal-HSBC u mal-BOV. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/09** Korrispondenza mill-MEPA rigward l-ilmenti dwar it-trab li jtir mill-barriera ta' Birguma. Is-Sindku informa li hu kien kiteb lill-MEPA u talab risposta aktar speċifika. Is-S.E. ser tkompli issegwi.

**36/06/10** Korrispondenza mingħand residenta dwar boroż tal-iskart li qed jintefgħu quddiem ir-residenza tagħha kif ukoll dwar xogħol pendenti fuq il-bankina, liema xogħol suppost kellu jsir mid-Dipt tad-Distrett. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-S.E. tkellmet mal-kuntrattur tal-iskart sabiex ma jibqax jiġma l-iskart f'dan il-post u kitbet lura lir-residenta u infurmata bl-azzjonijiet li ttieħdu.

**36/06/11** Korrispondenza mill-MEPA tikkonferma li m'hemmx bżonn permess tal-MEPA biex isir kisi bil-konkos ta' Sqaq il-Maħruq. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/12** Korrispondenza mingħand resident dwar Triq Katerina Sammut. Il-Kunsill unanimament approva r-risposta li ser tintbagħat.

**36/06/13** Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjoni PA 0375/13. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

**36/06/14** Korrispondenza dwar '*Updated records of Spraying of Palm Trees Jan to July 2013*' dwar ir-Red Palm Weevil. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE għandha tinforma l-kuntrattur sabiex jibgħat id-dokumentazzjoni meħtieġa.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**36/07** **Materji Oħra u Mistoqsijiet**

**36/07/01** Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li huwa kien ser jagħmel donazzjoni ta' kotba għall-librerija pubblika tar-raħal. Huwa kien tkellem mal-Onor. Ministru Evarist Bartolo sabiex kif tibda l-iskola, fil-presenza tiegħu, l-Kunsillier Alfred Muscat jippreżenta uffiċċjalment dawn il-kotba lill-librerija ta' Hal Għargħur. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kunsillier Alfred Muscat għal din id-donazzjoni.

**36/07/02** Il-Kunsill ġie infurmat li l-librerija pubblika mhux ser tkun miftuħa għall-pubbliku nhar is-Sibt, 31 t'Awwissu peress li l-librara ma tistax tiftaħ il-librerija. Is-S.E. ser tieħu ħsieb toħroġ avviżi lill-pubbliku.

**36/07/03** Ġie unanimament deċiż li fl-okkazzjoni tal-Festa ta' San Bartilmew 2013 il-Kunsill jorganiżża bibita għall-istaff tal-Kunsill u l-membri tas-Sotto Kumitati li qed jagħtu servizz b'mod volontarju. Din ser issir il-Ġimgha, 23 t'Awwissu.

**36/07/04** Is-Sindku nforma li hu kien rċieva ilmenti li meta l-uffiċċju tal-Kunsill ikun magħluq għall-pubbliku, l-istaff tal-Kunsill ma kienux qed jirrispondu t-telefon. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li meta l-Kunsill kien approva li jinbiddlu l-ħinijiet li l-uffiċċju ikun miftuħ għall-pubbliku, kien ġie deċiż li telefonati li jidħlu, sakemm l-istaff ikunu xogħol fl-uffiċċju, jiġu risponduti. Dan l-arranġament ma japplikax jekk l-istaff ikunu qed jaħdmu *overtime.* Is-S.E. ġibdet l-attenzjoni li peress li kienu qegħdin jaħdmu bin-nuqqas ta' iskrivan/a, huma ma setgħux ilaħħqu max-xogħol amministrattiv jekk huma jirrispondu t-telefon wara l-ħin tal-egħluq għall-pubbliku. Hija qalet ukoll li jekk jagħmlu hekk, jkunu qed jiddiskriminaw ma dawk ir-residenti li jagħzlu li jiġu personalment fl-uffiċċju tal-Kunsill flok li jċemplu peress li jsibu l-uffiċċju magħluq. Is-S.E. infurmat il-Kunsill li kienet ser titlob direzzjoni mingħand id-DGL.

**36/07/05** Is-S.E. ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li s-Sindku kellu aċċess għall-*generic email* tal-Kunsill Lokali qabel ma bdiet taħdem il-Kunsill. Hija spjegat li s-Sindku jkollu *email account* personali tiegħu tal-Kunsill u li kull *email* li tidħol fuq il-*generic email account* tal-Kunsill trid tiġi *forwarded* kemm lis-SE kif ukoll lis-Sindku. Peress li s-Sindku kien qiegħed jara l-*emails* mill-*generic account*, din kienet qed toħloq konfuzzjoni peress li l-*emails* kienu qed jkunu immarkati bħalha moqrija u huwa ma kienx qed jerġa jagħmillhom *unread*. Is-Sindku talab lis-SE kif tista' taghmilhom *unread* u s-SE għaddietlu l-istruzzjonijiet li kellha mill-MITA imma dawn ma ħadmux. Is-Sindku qal li hu kellhu aċċess għall-*email* tal-Kunsill Lokali għal diversi snin u dan wara li kienet saret talba speċifika lid-DGL u kien ingħata mid-DGL l-*access rights*. Hu spjega kif hu kemm il-darba kien jieħu ħsieb li jirrispondi *emails* li jidħlu speċjalment mingħand ir-residenti u qal li ħafna mill-*emails* ikunu indirizzati lis-Sindku. Is-SE ikkonfermat li s-Sindku kien qiegħed jirrispondi l-*emails* u wriet l-apprezzament ta' dan. Is-S.E. infurmat li hi kienet ser titlob kjarifika mingħand id-DGL jekk is-Sindku jistax jkollu *access* għall-generic *email* tal-Kunsill.

**36/07/06** Ġie unanimament deċiż li jinxtraw madwar 250 *energy saving lamps* sabiex jinbidlu l-bozoz tal-fustun tal-bejt tal-Kunsill li huma imkissra.

**36/07/07** Ġie innotat li l-MEPA kienu aċċettaw l-applikazzjoni tal-HSBC Bank Malta plc għat-twaħħil ta' ATM fi Triq San Gwann u kienu twaħħlu l-avviżi. Issa ser jibda l-proċess sabiex l-applikazzjoni tiġi ipproċessata.

**36/07/08** Ġie unanimament deċiż li jinġabru stimi ħalli tinxtara siġra ġdida flok dik li mietet fis-*centre strip* tal-Qasam tad-Djar tax-Xwieki. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb jara li jinġabru dawn l-istimi.

**36/07/09** Is-Sindku, l-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill awguraw il-Festa t-Tajba lir-Għargħurin kollha.

**36/08** **Aġġornament**

**36/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.10 ta' filg]axija wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | **3 ta' Settembru 2013** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |